MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2005

Rikors Numru. 492/2005

Fl-Atti tal-Mandat ta’ Sekwestru Numru 489/05
Brian Bugeja, Raymond Malia u Pauline Cilia
vs
Nutar Pubbliku Dr. Herbert Cassar u Visa Investments Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tan-Nutar Pubbliku Dr. Herbert Cassar u Visa Investments Limited li eccepew:

Illi s-Sekwestranti Brian Buegja et kienu talbu u ottjenew l-ispedizzjoni ta’ mandat ta’ sekwestru kontra l-intimati Dr. Herbert Cassar u Visa Investments Limited ghall-ammont ta’ tmint elef u seba’ mitt lira Maltin (LM8,700), kopja ta’ liema mandat ta’ sekwestru gie prezentat mar-rikors u mmarkat Dokument “A”.

Illi dan il-mandat ta’ sekwestru kien intalab f’mument meta l-ewwel Onorabbli Qorti permezz ta’ sentenza tal-24 ta’

Novembru, 2004 (Citazz. Nru. 1369/2002JA) diga` kienet iddecidiet il-vertenza tad-danni pretizi mis-sekwestranti Brian Bugeja et u cirkoskrivitha fis-somma ta’ erbat elef lira Maltin (LM4,000) li ghadhom jithallsu kwantu elfejn lira Maltin (LM2000) mill-intimat Nutar Pubbliku Dr. Herbert Cassar u l-elfejn lira Maltin (LM2000) l-ohra mis-socjeta` intimata Visa Investments Limited u f’mument ukoll meta din is-sentenza tal-Ewwel Qorti kienet giet appellata rnill-intimati u mill-istess sekwestranti.

Illi kienet tezisti garanzija xierqa ohra tal-intimati li tista’ tassigura bizzejjed u jew sabiex tissodisfa l-pretensjoni tas-sekwestranti skond il-mandat ta’ sekwestru fuq imsemmi. Infatti l-intimati kienu proprjetarji ta’ assi li bhala valur jeccedi bil-bosta l-ammont pretiz.

Illi inoltre kellu jirrizulta lill-Qorti mill-istess atti tal-kawza fl-ismijiet: “Brian Bugeja et vs Nutar Pubbliku Dr. Herbert Cassar et” [Citazz. Nru. 1369/2002JA] li l-ammont mitlub kwantu danni u kawtelat bil-mandat ta’ sekwestru fuq imsemmi ma kienx prima facie gustifikat barra li kien eccessiv ghall-ahhar.

Ghaldaqstant Dr. Herbert Cassar u Visa Investments Limited talbu lill-Qorti ghar-ragunijiet premessi joghgobha (1) ghat-tenur ta’ dak provdut f’sub-paragrafu (c) u (d) ta’ subartikolu (1) tal-Artikolu 836 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili - Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta tirrevoka l-mandat ta’ sekwestru numru: 489/05 fl-ismijiet: “Brian Bugeja et versus Nutar Pubbliku Dr. Herbert Cassar et” prezentat u mahrug fit-8 ta’ Marzu, 2005 u dan taht il-kundizzjonijiet li l-istess Qorti tqis xierqa u (2) tikkundanna lis-sekwestranti Brian Bugeja, Raymond Mallia u Pauline Cilia sabiex ihallsu solidalment penali ta’ mhux anqas minn hames mitt lira Maltin (LM500) u mhux izjed minn tlett elef lira Maltin (LM3000 skond id-dispozizzjonijiet ta’ sub-paragrafi (b), (c) u (d) ta’ sub-artikolu 8 tal-Artikolu 836 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili - Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Brian Bugeja, Raymond Mallia u Pauline Cilia li eccepew:

**1.** Preliminarjament li r-rikors fuq riferit kien ghal kollox identiku ghal rikors iehor deciz fis-6 ta' Mejju 2005 minn din il-Qorti diversament presjeduta (nru. 304/05/GCD). Konsegwentement din id-decizjoni procedurali (annessa mar-risposta bhala Dok. LV1) kienet tirrappresenta ***res judicata*** bejn il-partijiet u r-rikorrenti ma setghux jinjoraw decizjoni simili u jergghu jippresentaw l-istess rikors quddiem l-istess Qorti, flok quddiem il-Qorti tal-Appell li quddiemha kien qed jigi ttrattat il-meritu tal-pretenzjoni mharsa mill-mandat in kwistjoni.

2. Illi, **bla pregudizzju ghas-suespost** fil-meritu l-intimati ssottomettew li bir-rikors taghhom is-sekwestrati kienu qed jitolbu r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru fuq indikat a bazi tas-sub-para. (c) u (d) ta' subartikolu (1) tal-Art. 836 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. Biex jirnexxu s-sekwestrati kienu jridu jippruvaw (i), re. sub-para. (c), li kien hemm **garanzija xierqa ohra** biex taghmel tajjeb ghall-ammont kawtelat u (ii), re.sub-para. (d), li l-ammont mitlub *m'huwiex prima facie* gustifikat jew huwa eccessiv.

3. Illi dwar ir-rekwisit (i) ir-rikorrenti kienu qed jallegaw (bla ma kienu ressqu ebda prova konkreta) li "huma proprjetarji ta' assi li bhala valur kien jeccedi bil-bosta l-ammont pretiz". Mill-banda l-ohra, kull ma jafu fiz-zgur l-intimati hu li, wara l-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru esekuttiv kontra l-istess Visa Investments Ltd. (numru 729/01) irrizulta li din m'ghandha **ebda fondi f'banek lokali** (Dok AA sa DD annessi mar-risposta).

4. Mill-banda l-ohra, ghalkemm l-istess socjeta` seta' kellha immobbli ta' proprjeta` taghha, dawn huma kollha soggetti ghal ipoteki u privileggi favur il-banek. Ovvjament, immobbli mghobbi dejn ma kienx jista' jissejjah garanzija idoneja! Fi kwalunkwe kaz, jekk is-sekwestrati kienu daqshekk tat-tajjeb, ghaliex m'ghamlux

garanzija bankarja u talbu l-hrug ta' kontro-mandat, kif ghamel l-intimat Raymond Mallia ghan-nom ta' Blye Engineering Co. Ltd., l-ewwel fis-somma ta' **Lm40,000**, meta l-istess Visa Investments Ltd. kienet harget kontrieh is-Sekwestru kawtelatorju nru. 3242/00, u recentement f'somma ohra ta' **Lm45,592** (dejjem in konnessjoni ma' l-istess kawza) wara s-Sekwestru "addizzjonali" nru. 1126/05?

5. F'cirkostanzi simili l-intimati ma kellhomx jigu mcahhda mid-dritt li huma wkoll jikkawtelaw il-pozizzjoni taghhom bl-ahjar mod possibbli, inkluz, fil-kaz tas-sekwestru in kwistjoni, billi jigi notifikat ir-**Registratur tal-Qrati bhala sekwestratarju**. Infatti, min-naha taghha Visa Investments Ltd. fit-30 ta' Marzu 2005 kienet harget Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv (nru. 736/05) kontra l-intimat Raymond Mallia li, min-naha tieghu, kellu kull interess li jassigura li l-ammont sekwestrat mill-fondi tieghu jibqa' sekwestrat f'idejn ir-Registratur **sakemm jinqata' l-appell tieghu dwar danni**.

6. Illi dwar ir-rekwizit (ii), dan ukoll ma kienx gie sodisfatt mir-rikorrenti ghaliex l-ammont kawtelat zgur huwa ***prima facie* gustifikat**, kif johrog mis-sentenza tal-Prim' Istanza tal-24 ta' Novembru 2004 (kawza fl-istess ismijiet, citazz. nru. 1369/02/JA, pendenti fl-appell). Inoltre, is-somma kawtelata ta' **Lm8700 anqas ma kienet eccessiva** ghaliex hija preciz dik li kien qed jippretendi li ghandu dritt ghaliha l-intimat Raymond Mallia ghar-ragunijiet sodi li johorgu mill-appell incidentali tieghu (ara kopja informi annessa bhala **Dok EE**).

7. Illi dwar **<u>il-penali</u>** pretiza mir-rikorrenti, l-intimati kienu ssottomettew li din it-talba hija ghal kollox **frivola u vessatorja**. Infatti, bizzejjed jigi ezaminat il-meritu tal-kawza fuq riferita biex wiehed jara minn x'hix kienu ghaddew u kienu ghadhom ghaddejjin l-intimati biex (a) igeghlu lis-sekwestrat Nutar Cassar jaqdi dmiru skond il-ligi u jinsinwa kuntratt ta' bejgh li, ***ad insaputa* tal-intimati, dam is-snin mhux isinwat** u (b) jobbligaw lil Visa Investments Ltd. thallas it-taxxa minnha dovuta fuq l-

istess att u tillibera l-fond mibjugh minnha minn kull ipoteka u privilegg kif kienet obbligat ruhha li taghmel.

8. Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha fuq esposti, l-intimati talbu lill-Qorti joghgobha (a) tilqa' l-ewwel sottomissjoni bazata fuq ilprincipju legali tar-***res judicata***; u (b) f'kaz li din ma tigix accettata, u fil-meritu, ghar-ragunijiet fuq esposti, tichad it-talbiet tar-rikorrenti bhala ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjes.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Illi din id-decizjoni hija dwar l-eccezzjoni li din il-Qorti mhix kompetenti li tisma' dan ir-rikors stante li a tenur tal-artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ir-rikors kien messu sar lill-Qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza u din il-Qorti ma ghandiex tittratta din il-kawza.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet u l-atti kollha ta' dawn il-proceduri.

Fin-nota tas-sekwestrati gie sottomess li d-duttrina tar-***res judicata*** mhix applikabbli ghal digrieti dwar revoka ta' mandati; sostnew ukoll li huma kellhom XELTA li jew iressqu r-rikors ghar-revoka quddiem il-Qorti li harget il-mandat ***de quo*** jew quddiem il-Qorti li qeghda tittratta l-kawza. Ziedu li fil-fatt l-appell ghadu ma giex appuntat u ghalhekk mhux qed jigi trattat, u irriferew ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tat-30 ta' Mejju, 2003 fl-ismijiet **Mario Baldacchino vs Alfred Schembri** 155/2003/1.

Fin-nota taghhom is-sekwestranti irribattew l-argument li hemm XELTA fejn jigu intavolati l-proceduri ghax il-ligi tispecifika fejn ghandu jigi pprezentat ir-rikors f'kaz li TKUN SARET IL-KAWZA minhabba li l-legislatur ried li l-kaz jigi deciz mill-Qorti li l-aktar qeghda f'pusizzjoni tajba

biex tizen min mill-kontendenti ghandu ragun fuq bazi ***prima facie***.

Sostnew ukoll li f'dan il-kaz il-meritu tal-kawza li in kawtela taghha nhareg is-sekwestru li qed tintalab ir-revoka tieghu gja jinsab quddiem il-Qorti ta' l-Appell ghat-trattazzjoni, u dana a distinzjoni mill-kaz ikkwotat ta' **Baldacchino vs Schembri** li kien jirrigwarda ritrattazzjoni liema ritrattazzjoni tikkonsisti f'zewg fasijiet u cioe` l-ewwel stadju fejn ir-ritrattand irid jikkonvinci lill-Qorti li hu ghandu bazi tajba skond il-ligi biex jitlob lill-Qorti takkordalu r-rimedju eccezzjonali tar-ritrattazzjoni, u t-tieni stadju fejn jekk jigi superat l-ewwel stadju tigi trattata mill-gdid il-kawza.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

L-artikolu 836 (1) tal-Kap 12 jghid:

(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:...

Forsi hu utili f'dan il-kaz li wiehed ihares ukoll lejn it-test ingliz:

"(1) Without prejudice to any other right under this or any other law, the person against whom any precautionary act has been issued, may make an application to the court issuing the precautionary act, or, if a cause has been instituted, may make an application to the court hearing such cause, praying that the precautionary act be revoked, either totally or partially, on any of the following grounds:…"

Hu interessanti li wiehed jikkwota wkoll l-provvediment ta' din il-Qorti diversament presjeduta [Imh G Caruana Demajo] tas-6 ta' Mejju 2005, fl-istess ismijiet – Rikors 304/2005 fejn intqal:

“Dan il-provvediment huwa dwar talba biex il-Qorti thassar mandat kawtelatorju u biex tikkundanna lil dawk illi fuq talba taghhom inhareg il-mandat ihallsu penali.
Il-kawza dwar il-meritu tal-pretensjoni mharsa bil-mandat qeghda bhalissa tigi ittrattata mill-Qorti ta’ l-Appell, u kienet ga quddiem dik il-Qorti meta sar ir-rikors li bih infethu dawn il-proceduri tal-lum. Ghalhekk, kif irid l-artikolu 836 (1) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili, ir-rikors kellu jsir quddiem il-Qorti ta’ l-Appell, u mhux quddiem din il-Qorti.
Ghal din ir-raguni il-Qorti ma tqisx aktar it-talbiet maghmula bir-rikors.”

Ghandu jigi rilevat li l-ligi ssemmi b’mod car li l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista’ jaghmel rikors lill-Qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista’ jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat. Hawn wiehed irid josserva x’tghid il-ligi fil-kaz li tkun saret kawza u f’dan il-kaz lill-Qorti li tkun qedgha tittratta dik il-kawza [***to the court hearing such cause***]. Fil-kaz in ezami l-Qorti li qedgha tittratta dik il-kawza [***hearing such cause***] certament li mhix il-Prim’Awla ghax din ma ghandha ebda awtorita` aktar dwar dik il-kawza u ma tista’ taghmel xejn dwar dik il-kawza. Wiehed ma jistax jaghmel applikazzjoni restrittiva tal-kliem u jifhem li tittratta tapplika ghal xi trattazzjoni finali. Il-fatt li l-kawza tista’ ma tkunx ghadha giet appuntata hija irrilevanti ghax il-kawza tkun qedgha quddiem il-Qorti ta’ l-Appell li tkun ghalhekk qedgha ***hearing*** il-kawza. Kuntrarjament ghal dak li jsostni ir-rikorrent f’dawn il-proceduri ma hemm ebda XELTA li taghzel quddiem liema Qorti trid tmur.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tilqa’ l-eccezzjoni li din il-Qorti mhix kompetenti li tisma’ dan ir-rikors stante li a tenur tal-artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ir-rikors kien messu sar lill-Qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza u cioe` l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------